# TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Appell Numru 3/2024 SG**

**Fl-ismijiet:**

**Patrick Pullicino**

**Vs**

**Ministru tal-Finanzi u x-Xogħol, li sussegwentement dan il-kliem ġie kkanċellat u mibdul għal Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi ai termini ta' digriet tal-14 ta' Frar 2025**

**Illum, 26 ta' Ġunju 2025**

**Il-Bord;**

**Ra** r-rikors tal-appell, preżentat fil-15 ta' Mejju 2024, li permezz tiegħu ppremetta illi:

(1) *Dan huwa appell minn rifjut (Dok A) da parti tat-Transfer of Residence Exemption Board għall-eżenzjoni ai termini tal-Art. 19 tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolament Nru 4. Tal-Liġi Sussidjarja 368.01;*

(2) *Illi r-rikorrenti, li huwa ċittadin Malti u li riċentament trasferixxa r-residenza tiegħu mill-Ingilterra lura għal hawn Malta, kien għamel applikazzjoni mal-Awtoritajiet kompetenti għall-eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vetturi ai termini tal-Artiklu 19 tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-vettura tiegħu tal-marka Ford Focus Zetec 125, bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni DY58 WVC, chassis number WF0PXXWPDP8R78679;*

(3) *Illi pero' permezz ta' ittra datata 24 ta' April 2024, bin-numru ta' referenza MF42/2024/19, ir-rikorrenti ġie infurmat li l-applikazzjoni surriferita ġiet rifjutata bir-raġuni li ingħatat tkun "The vehicle was not registered in your name between 7th August 2023 and 1st February 2024";*

(4) *Illi r-rikorrenti ħass ruħu aggravat b'tali deċiżjoni għar-raġunijiet hawn isfel dedotti, u minnha qiegħed jinterponi dan l-appell ai termini tal-Liġi.*

(5) *Illi jiġi rilevat li r-rikorrenti kien għamel snin sostanzjali jgħix u jaħdem barra minn Malta, senjatament l-Ingilterra, fejn hu kien ukoll residenti;*

(6) *Illi meta kien għadu jgħix u residenti l-Ingilterra, senjatament fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020), ir-rikorrenti akkwista l-vettura in kwistjoni tal-marka Ford Focus Zetec 125 bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni DY58 WVC;*

(7) *Illi meta r-rikorrenti rritorna lura Malta fl-24 ta' Ġunju 2023 sabiex jittrasferixxi r-residenza tiegħu hawn Malta, huwa kien ħalla temporanjament il-vettura tiegħu surriferita l-Ingilterra, u dan sakemm isiru l-preparamenti u l-arranġamenti neċessarji bl-intiża li din il-vettura wkoll tinġab hawn Malta;*

(8) *Illi stante l-assenza tiegħu mill-Ingilterra u għal raġunijiet prattiċi kif se jiġi muri aħjar fil-mori, fis-sebgħa (7) ta' Awissu tas-sena elfejn tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) meta r-rikorrenti kien ġja hawn Malta, huwa dawwar il-logbook tal-vettura in kwistjoni fuq isem bintu Maria Catherine Pullicino, ċiononostante, l-vettura in kwistjoni, qatt ma ġiet mibjugħa jew trasferita mod ieħor mir-rikorrenti lill-istess bintu Maria Pullicino;*

(9) *Illi ftit xhur wara, Andrew Pullicino, iben ir-rikorrenti u hu l-istess Maria Catherine Pullicino, kien f'pożizzjoni li jsuq il-vettura mill-Ingilterra sa Malta, sabiex l-istess vettura tinġieb hawn Malta, u tiġi reġistrata mir-rikorrenti ai termini tal-liġi, u kien għalhekk li fil-ħdax (11) ta' Jannar tas-sena kurrenti (2024), il-logbook kien iddawwar fuq isem Andrew Pullicino sabiex dan ikun jista' jivvjagga u jsuq il-vettura mill-Ingilterra għal Malta bla diffikulta. Jiġi rilevat li anke hawn, sid il-vettura baqa' l-istess rikorrenti, u bl-ebda mod ibnu Andrew Pullicino ma akkwista l-istess vettura mingħand ir-rikorrenti;*

(10) *Illi sussegwentament, nhar it-tnejn (2) ta' Frar tas-sena kurrenti (2024), l-logbook Ingliż tal-vettura in kwistjoni reġa dar fuq isem ir-rikorrenti;*

(11) *Illi kif ġja ġie dedott, ir-rikorrenti għadda sabiex ressaq l-applikazzjoni tiegħu ai termini tal-Art19 tal-Kap 368 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ġiet rifjutata permezz tal-ittra datata 24 ta' April 2024 bin-numru ta' referenza MF 42/2024/19, bir-raġuni li ngħatat tkun "The vehicle was not registered in your name between 7th August 2023 and 1st February 2024": u ċioe f'dawk is-sitt (6) xhur li damet sakemm waslet hawn Malta, kif dejjem intiż;*

(12) *Illi ċiononostante, u kif ġja riferut fil-premessi surriferiti, r-rikorrenti baqa dejjem l-uniku propjetarju u l-uniku sid tal-vettura in kwistjoni, kif se jiġi pruvat fil-mori, u dan jingħad iktar u iktar meta trasferiment ta' logbook keeper Ingliż, bl-ebda mod ma jimpinġi fuq it-titolu tal-propjetarju tal-vettura u inoltre kif jidher ċar sar, f'dawn is-sitt (6) xhur, unikament għal raġunijiet prattiċi u sabiex tali vettura tinġieb hawn Malta sabiex tkompli tintuża mir-rikorrenti;*

(13) *Illi infatti, jiġi rilevat li l-istess logbook Ingliż jindika n-natura tal-istess dokument meta jikkontjeni tali dikjarazzjoni 'This Document is not proof of Ownership', kif se jiġi pruvat mill-mori, u għalhekk il-fatt li l-istess logbook kien għal ftit xhur fuq ulied ir-rikorrenti sakemm il-vettura in kwistjoni setgħet tiġi konsenjata hawn Malta minnhom stess, bl-ebda mod ma jtellef it-titolu u d-dritt tar-rikorrenti fuq l-istess vettura;*

(14) *Illi għalhekk filwaqt li r-rikorrenti rritorna lura Malta fl-24 ta' Ġunju 2023 sabiex jittrasferixxi r-residenza tiegħu hawn Malta, l-vettura kienet u baqgħet propjeta unikament tal-istess rikorrenti mill-akkwist tagħha da parti tiegħu fit-tmintax (18) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) sal-ġurnata preżenti;*

(15) *Illi fir-rigward ta' trasferiment ta' logbook keeper fuq il-logbook Ingliż, filwaqt li, kif fuq ġja sottomess, bl-ebda mod ma jimpinġu fuq il-fatt li r-rikorrenti kien u baqa l-uniku propjetarju tal-vettura, jiġi rilevat li dawn it-trasferimenti saru fuq l-istess ulied ir-rikorrenti, mhux bi trasferiment iżda għal prattiċita u propju għall-iskop li, fl-aħħar mill-aħħar, din il-vettura tinġieb hawn Malta għall-użu tar-rikorrenti, kif fil-fatt ġara, u li għalhekk li infatti tali trasferimenti saru riċentament u għal perjodu relattivament qasir;*

(16) *Illi għalhekk, fl-umli fehma tar-rikorrenti, filwaqt li huwa għandu jibbenefika mill-eżenzjoni ai termini tal-Artikolu 19 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk l-applikazzjoni surriferita kellha tiġi akkolta, id-deċiżjoni tal-intimat datata 24 ta' April 2024 għandha tiġi revokata.*

*Għaldaqstant, u in vista tasl-premess, filwaqt li rriserva d-dritt li jressaq dawk ix-xhieda u/jew provi kollha waqt it-trattazzjoni tal-appell, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jogħbu:*

1. *Jħassar, jannulla u/jew jirrevoka in toto d-deċiżjoni tal-intimat Ministru tal-Finanzi u x-Xogħol kif mogħtija fl-ittra datata 24 ta' April 2024, li permezz tagħha, t-talba tar-rikorrenti għall-eżenzjoni mill-ħlas ta' taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-vettura tiegħu tal-għamla Ford Focus Zetec 125 bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni DY58 WVC ġiet rifjutata, u konsegwentament;*

2. *Jordna lill-Ministru tal-Finanzi u x-Xogħol li jeżenta lir-rikorrenti mill-ħlas ta' kull taxxa ta' reġistrazzjoni ai termini tal-liġi fir-rigward tal-istess vettura tal-għamla Ford Focus Zetec 125 bil-pjanċi ta' reġistrazzjoni DY58 WVC, chassis number WF0PXXWPDP8R78679;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat.*

**Ra** ir-risposta tal-intimat ippreżentata fl-20 ta' Ġunju 2024 fejn ġie eċċepiet:

1. *Illi fl-ewwel lok u ai termini tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jeċċepixxi illi ma jista' jiddekorri ebda terminu għar-risposta tal-intimat qabel ma jkun notifikat l-Avukat tal-Istat bir-rikors promutur;*

2. *Fit-tieni lok, l-appellat m'huwiex il-leġittimu kontradittur fil-każ odjern ai termini tal-artikolu 17(8) tal-Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Fit-tielet lok għandha ssir korrezzjoni fl-okkju stante illi nbidlet in-nomenklatura tal-Ministeru konċernat u ċioe minflok Ministru tal-Finanzi u x-Xogħol għandhom jidħlu l-kliem "Ministeru għall-Finanzi";*

4. *Fil-mertu l-motivazzjoni wara d-deċiżjoni tar-rifjut tal-24 ta' April 2024 hija waħda tajba u valida fil-liġi għaliex l-appellant issottometta l-applikazzjoni tiegħu bi ksur tar-regolament 4(3)(a) tal-Liġi Sussidjarja 368.01;*

5. *Skont il-liġi sussidjarja surreferita, sabiex l-eżenzjoni tapplika favorik wieħed irid jipprova illi l-vettura:*

   *"Ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta".*

*Illi f'dan il-każ m'huwiex rilevanti jekk ir-rikorrenti huwiex is-sid jew le, l-eżami li kellu jagħmel il-Bord kellu jkun jekk il-vettura kinitx reġistrta f'isem ir-rikorrent għal perijodu kontinwu fuq ċitat. Minn qari tal-Liġi Sussidjarja 368.01 jidher ukoll illi ssir distinzjoni bejn karozza li hija propjeta' u karozza illi hija reġistrata fuq persuna. Għaldaqstant huwa pależi illi l-intenzjoni tal-leġislatur kienet li tapplika l-eżenzjoni f'każ ta' karozza reġistrata fuq l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal Malta. Il-liġi ukoll tirrikjedi illi l-karozza trid tkun ilha reġistrata fuq l-individwu għal perjodu kontinwu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza u trid tkun għadha hekk reġistrata mal-mument li l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta.*

*Illi magħdud ma' dan il-leġislatur juża l-kliem "trid tkun għadha hekk reġistrata" għaldaqstant biex tingħata eżenzjoni l-vettura trid tkun reġistrata f'isem l-individwu li qiegħed jittrasferixxi r-residenza għall-perjodu kontinwu li jibda minn 24 xahar qabel dan it-trasferiment u jispiċċa meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta. Kif jidher minn Dokument MF1 anness hawnhekk, il-karozza ma kinitx irreġistrta f'isem l-appellant bejn is-7 ta' Awwissu 2023 u l-1 ta' Frar 2024 u għal din ir-raġuni ukoll l-appellant ma jissodisfax l-eżami tar-regolament 4(3)(a) tal-Liġi Sussidjarja 368.01 stante illi l-karozza waslet f'Malta fit-2 ta' Frar 2024;*

6. *Ir-rekwiżiti mniżżla taħt Regolament 4(3) tal-L.S. 368.01 huma kumulattivi u tassattivi u ġaladarba l-appellant ma ssodisfax ir-rekwiżit hekk kif imniżżla fil-paragrafu (a) ta' Regolament 4(3) tal-istess L.S. 368.01, l-appellant ma jista' qatt jippretendi li jikkwalifika għall-eżenzjoni in kwistjoni. Kemm hu hekk, Regolament 4(4)(a) tal-L.S.368.01 jipprovdi b'mod ċar u inekwivoku li: "L-eżenzjoni taħt is-subregola (1) m'għandhiex tingħata meta – il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbilit taħt is-subregola (3)";*

7. *Strettament bla ħsara għall-eċċezzjonijet kollha ta' qabel din, it-talba tal-appellant sa fejn qiegħed jitlob lil dan it-Tribunal jordna lill-appellat sabiex jilqa' l-applikazzjoni għal eżenzjoni hija, f'kull każ, legalment improponibbli, u b'hekk għandha tiġi miċħuda.*

*Għaldaqstant, l-appellat filwaqt li żamm sħiħ id-dritt li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-liġi għadda biex talab lil dan it-Tribunal sabiex jiċħad it-talba kif imressqa fir-rikors tal-appell, bl-ispejjeż kontra l-appellant.*

**Sema'** l-provi prodotti;

**Ra** d-dokumenti eżebiti;

**Ra** li l-ewwel eċċezzjoni ġiet irtirata fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2024;

**Ra** li t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-intimat ġew irtirati fl-14 ta' Frar 2025;

**Sema'** trattazzjoni finali;

**Ra** l-atti kollha;

**Ikkunsidra:**

**Provi prodotti**

Ir-rikorrenti xehed illi huwa kien xtara l-vettura Ford Focus Zetec 125 fit-18 ta' Diċembru 2020. Fis-sena 2023 iddeċieda li jiġi jgħix Malta u fil-fatt irritorna Malta fl-24 ta' Ġunju 2023. Jgħid illi dejjem xtaq li l-karozza jġibha miegħu Malta, sabiex jibqa' jużaha, però hu personalment ma setax jinżel mill-Ingilterra jsuq l-istess karozza. Għalhekk wara li tkellem mat-tfal iddeċidew illi l-karozza tinżel Malta billi jsuqha ibnu Andrew. Madanakollu peress li ibnu jaħdem man-Navy Ingliża, ma setax jaqbad u jsuq il-karozza fl-istess żmien li r-rikorrent irritorna Malta. Għalhekk kien ħalla din il-karozza l-Ingilterra sakemm tinstaq sa hawn Malta minn ibnu.

Spjega illi ma setax iħalli l-vettura pparkjata barra, bla persuna li tista' tieħu ħsiebha u ssuqha f'każ ta' bżonn. Għahelkk dawwar il-karozza fuq isem bintu, sabiex jekk f'dak iż-żmien hija tiġi bżonn tmexxiha, u għalhekk issuqha, ma jkollhiex inkwiet mal-awtoritajiet. Il-vettura daret fuq isimha fis-7 ta' Awwissu 2023. Spjega li hu qatt ma kellu l-intenzjoni li l-vettura jdawwarha fuq bintu, jew li jbigħilha, iżda dan għamluh sempliċament sabiex tkun tista' tieħu ħsiebha b'mod seren sakemm it-tifel Andrew jniżżilha hawn Malta.

Meta ibnu rritorna mix-xogħol wara xhur, u kien f'pożizzjoni li jsuq il-karozza lejn Malta, il-vettura daret fuq ibnu Andrew fil-11 ta' Jannar 2024, u dan biex isuqha bla problemi mill-Ingilterra sa Malta. Il-vettura reġgħet inqalbet fuq isem ir-rikorrent fit-2 ta' Frar 2024. Skont l-appellant, il-vettura kien xtraha hu, u baqgħet tiegħu anki wara li telaq mill-Ingilterra. It-trasferiment tal-logbook tul sitt xhur minn Awwissu 2023 sa Frar 2024 sar biss għal raġunijiet prattiċi u għal ebda raġuni oħra.

Andrew Phillip Scott Pullicino spjega fl-affidavit tiegħu illi wara li missieru ddeċieda li jiġi jirrisjedi b'mod permanenti Malta, xtaq illi jġib il-vettura tiegħu Malta biex ikompli jużaha. Iddeċidew illi l-iben, u ċjoè hu stess kien f'pożizzjoni aħjar illi jivvjaġġa fit-tul biex isuq bil-vettura mir-Renju Unit sa Malta. Skont hu, missieru ttrasferixxa l-logbook tal-vettura l-ewwel fuq oħtu u bint l-appellant, Maria Pullicino, sussegwentament fuq Andrew Phillip. Spjega li ma kien hemm qatt il-ħsieb illi l-appellant ma jibqax is-sid tal-vettura. Skont hu "*the temporary transfers of the logbook were necessary measures solely intended to facilitate the vehicle's maintenance and transportation. Once it became feasible and legally permissible, the vehicle was promptly transferred back into my father's name.*"

Leonard Sacco xehed dwar rule 4(3)(a) tal-leġiżlazzjoni sussidjarja 368.01. Spjega li peress li r-rikorrenti ttrasferixxa r-residenza tiegħu lejn Malta fl-24 ta' Ġunju 2023 u l-vettura waslet Malta fit-2 ta' Frar 2024; biex tikkwalifika l-vettura kellha tkun reġistrata f'isem ir-rikorreni għal perjodu kontinwu ta' bejn Ġunju 2021 u Frar 2024. Spjega li peress li l-vettura ma kinitx reġistrata f'isem ir-rikorrenti bejn is-7 ta' Awwissu 2023 u l-1 ta' Frar 2024, din il-vettura ma tikkwalifikax għal din l-eżenzjoni. Spjega li l-vettura kienet reġistrata għall-ewwel darba f'isem ir-rikorrenti fit-18 ta' Diċembru 2020, iżda ma baqgħetx reġistrata fuq ismu mis-7 ta' Awwissu 2023 . Imbagħad il-vettura reġgħet ġiet reġistrata fuq ismu fit-2 ta' Frar 2024.

**Ikkunsidra:**

Dan it-Tribunal fela d-deċiżjoni li għamel referenza għaliha l-intimat waqt it-trattazzjoni orali finali, u ċjoè s-sentenza mogħtija minn dan it-Tribunal hekk kif diversament ippresedut fl-24 ta' Marzu 2025 Rikors Numru 9/2024 fl-ismijiet Al Kamal MD Badruzzaman Vs Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol fejn intqal:

"*Illi ai termini tar-Regolament 4 (3) u (4) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.01, vettura tikkwalifika għal eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni jekk:*

*(a) … tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta;*

*(b) …;*

*(ċ) …;*

*(d) … l-applikazzjoni biex il-vettura tiġi eżentata ssir mhux aktar kmieni minn xahrejn qabel id-data li fiha l-applikant jieħu r-residenza normali tiegħu f'Malta u mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara dik id-data;*

*(e) …;*

*(4) L-eżenzjoni taħt is-subregola (1) m'għandhiex tingħata meta –*

*(a) il-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3);*

*Illi l-fatti tal-vertenza in kwistjoni huma pjuttost ċari. Meta l-Bord ġie biex jevalwa l-applikazzjoni tar-rikorrent iltaqa' ma' żewġ intoppi li abbażi tagħhom ma setax jilqa' t-talba għall-eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni. L-ewwel intopp kien li l-vettura in kwistjoni ma kinitx ilha reġistrata f'isem ir-rikorrent għal iktar minn erbgħa u għoxrin (24) xahar minn meta huwa ttrasferixxa r-residenza normali tiegħu hawn Malta. It-tieni ntopp kien illi l-applikazzjoni saret iktar minn erbgħa u għoxrin (24) xahar minn meta r-rikorrenti stabilixxa r-residenza ordinarja tiegħu hawn Malta.*

*Illi fir-rigward tal-ewwel intopp, jirriżulta illi l-vettura in kwistjoni kienet oriġinarjament reġistrata fuq isem soċjetà kummerċjali estera li magħha kien impjegat ir-rikorrenti. F'Marzu 2021 din is-soċjetà ttrasferiet l-istess vettura lil soċjetà kummerċjali oħra li r-rikorrent huwa l-uniku direttur u ishmatarju tagħha. F'Diċembru 2023 din l-aħħar soċjetà kummerċjali ttrasferiet l-istess vettura lir-rikorrent f'ismu personali. Illi għalkemm ir-rikorrent stqarr illi l-vettura in kwistjoni dejjem kienet użata minnu ġewwa l-Ingliterra, u li kien għalhekk li wara li spiċċa mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà UA Networks Ltd, l-istess vettura xtratha soċjetà kummerċjali tiegħu, u ċioè Rahal Management Ltd., it-Tribunal jirrileva li l-leġislatur ried illi biex vettura tkun eżenti mit-taxxa ta' reġistrazzjoni din trid tkun reġistrata f'isem il-persuna li tkun issottomettiet l-applikazzjoni għall-eżenzjoni. Illi huwa pjuttost magħruf illi soċjetà kummerċjali għandha personalita` ġuridika separata minn dik tal-ishmatarji tagħha. Kwindi it-Tribunal iqis li l-Bord kien ġust fl-interpretazzjoni tiegħu tal-liġi u qies illi l-vettura in kwistjoni ma kinitx reġistrata f'isem ir-rikorrenti għal erbgħa u għoxrin (24) xahar qabel ma hu ħa r-residenza normali tiegħu hawn Malta. Illi t-Tribunal jirrileva illi anke jekk għall-grazzja tal-argument biss kellu jaċċetta l-fatt li l-Bord seta' jqis li l-vettura in kwistjoni kienet reġistrata fuq isem ir-rikorrent għal erbgħa u għoxrin (24) xahar qabel huwa ħa r-residenza normali tiegħu hawn Malta, xorta kien ifalli minn dan it-test stante li s-soċjetà UA Networks Ltd. ittrasferiet l-istess vettura lil Rahal Management Ltd. fl-20 ta' Marzu 2021 mentri r-rikorrent iddikjara li ħa r-residenza tiegħu hawn Malta f'Mejju 2021. Kwindi, tħares minn fejn tħares lejha, il-kriterju tar-reġistrazzjoni tal-vettura f'isem ir-rikorrent jew f'isem Rahal Management Ltd. ma kienx sodisfatt.*

*…Illi t-Tribunal jirrileva illi l-Bord ma jistax joqgħod jgħawweġ ir-regoli skont iċ-ċirkostanzi varji li kull applikant ikollu. Il-liġi għandha tiġi applikata b'mod oġġettiv u mhux suġġettiv, iktar u iktar fejn l-istess liġi ma tħalli ebda tip ta' diskrezzjoni fuq dak li jrid japplikaha. …Illi kif ġia` ingħad iktar 'il fuq, il-Bord ma jistax jeżamina l-applikazzjonijiet għall-eżenzjoni skont iċ-ċirkostanzi ta' kull applikant, iżda jrid jeżaminahom abbażi tal-kriterji stipulati fil-liġi.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u raġjonevoli."*

Dan it-Tribunal jaqbel perfettament ma' dak fuq kwotati. Meta jiġi biex iqis dan il-każ odjern, jirriżulta li ai termini tar-Regolament 4(3) u (4) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.01, vettura tikkwalifika għal eżenzjoni mit-taxxa ta' reġistrazzjoni jekk tkun ilha reġistrata f'isem l-individwu li jkun qiegħed jittrasferixxi r-residenza normali tiegħu għal perjodu ta' mhux inqas minn erbgħa u għoxrin xahar minnufih qabel id-data tat-trasferiment tar-residenza tiegħu għal Malta, u tkun għadha hekk reġistrata meta l-vettura tiġi impurtata jew miġjuba f'Malta. Jirriżulta wkoll li l-eżenzjoni taħt is-subregola (1) m'għandhiex tingħata meta l-vettura u, jew l-applikant ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti taħt is-subregola (3).

Fil-kaz odjern, irriżulta mill-fatti li ma ġewx ikkontestati li l-vettura waslet Malta fit-2 ta' Frar 2024 u li mis-7 ta' Awwissu 2023 din l-istess vettura ma kinitx reġistrata fuq ir-rikorrenti. Għaldaqstant, ma huwiex sodisfatt ir-rekwiżit stipolat fil-legiżlazzjoni sussidjarja fuq kwotata li l-vettura inkwistjoni trid tkun ilha reġistrata f'isem ir-rikorrent għal iktar minn erbgħa u għoxrin (24) xahar minn meta huwa ttrasferixxa r-residenza normali tiegħu hawn Malta.

Huwa minnu li jirriżulta illi l-vettura inkwistjoni kienet oriġinarjament reġistrata fuq isem ir-rikorrenti fit-18 ta' Diċembru 2020, u damet hekk reġistrata sas-7 ta' Awwissu 2023. Jirriżulta, anki mill-affidavit tar-rikorrenti, illi l-vettura sussegwentament ġiet reġistrata fuq isem bint ir-rikorrenti, Maria Catherine Pullicino, u sussegwentament fuq iben ir-rikorrenti Andrew Pullicino. Ir-rikorrenti spjega r-raġuni għalfejn sar dan il-bdil fuq min kienet reġistrata l-vettura. Ir-rikorrenti jissottometti illi minkejja l-bdil fir-reġistrazzjoni, hu baqa' dejjem is-sid tal-vettura. Madanakollu, it-Tribunal jirrileva li l-leġiżlatur stipula illi biex vettura tkun eżenti mit-taxxa ta' reġistrazzjoni din trid tkun reġistrata f'isem il-persuna li tkun issottomettiet l-applikazzjoni għall-eżenzjoni għal ċertu perjodu ta' żmien, u mhux li l-applikant ikun is-sid tal-vettura.

Kwindi it-Tribunal iqis li t-Transfer of Residence Exemption Board kien ġust fl-interpretazzjoni tiegħu tal-liġi. Kif già ċitat iktar 'il fuq f' din is-sentenza, it-Tribunal jirrileva illi l-ligi għandha tiġi applikata b'mod oġġettiv u mhux suġġettiv, iktar u iktar fejn l-istess liġi ma tħalli ebda tip ta' diskrezzjoni fuq dak li jrid japplikaha.

Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u raġjonevoli u għalhekk ser jiġu milqugħa r-raba'; il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet. In vista ta' dan dan it-Tribunal ma ghandux għalfejn jagħmel il-konstatazzjonijiet tiegħu dwar is-seba' eċċezzjoni tal-intimat.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq esposti, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet magħmula mir-rikorrent u jilqa' r-raba', il-ħames, is-sitt eċċezzjonijiet tal-intimat filwaqt li jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-seba' eċċezzjonijiet tal-intimat.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti.

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**